MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru 999/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Mary Vella nee' Buhagiar
Jennifer Vella
John Vella
George Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 469757(M), 393983(M), 454484(M), 16488(M) rispettivament, akkuzati talli:

Fis-17 ta' Novembru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda -

1. iffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin meta kienu jafu li huma falsifikati;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom biljetti ta' flus Maltin falsifikati meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
5. fl-istess data, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igiehel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qligh ta' aktar minn Lm100 imma anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations u persuni ohra;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi u persuni ohra liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
7. fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghhuhom;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom ittrasmetta l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija jew altimenti tal-imputati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi kompriza l-imputata Mary Vella bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kif rimessi mill-Avukat Generali lill-Qorti jittrattaw il-falsifikazzjoni u l-pussess ta’ flus foloz, il-falsifikazzjoni ta’ att awtentiku u pubbliku, it-truffa, s-serq aggravat bil-mezz, hin u lok, r-ricettazzjoni - akkuzi serji fid-dawl tal-falsifikazzjoni u l-uzu ta’ flus foloz li servew bhala mezz ghall-fini ghat-twettiq tar-reati l-ohra.

Illi mill-kwadru tal-fatti pruvati jirrizulta li kien l-imputat George Vella, li fiz-zmien tar-reat kien ghadu minorenni u kellu allura 16 il-sena, u huh John li kienu l-mohh u eskogitaw permezz tal-‘computer’ il-fabrikazzjoni ta’ karti ta’ flus ta’ denominazzjoni ta’ hames liri u zewg liri tal-valuta Maltija qabel ovvjament l-addozzjoni tal-Ewro. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija skattaw immedjatament wara diversi rapporti li dahlulhom minghand sidien ta’

pompi tal-petrol, l-aktar sitwati fiz-zona ta’ Hal-Qormi, li kienu qed isibu il-flus foloz konsistenti f’noti ta’ hamsa u zewg liri Maltin fl-istazzjonijiet taghhom. Elenku ta’ dawn l-istazzjonijiet huma s-segwenti: (i). dik maghrufa ta’ ‘Carlo Saliba Service Station’ li kienet ipprezentat lill-Pulizija disa’ karti taz-zewg liri lkoll bin-numru ta’ serje A20 185990 u wiehed u ghoxrin karta ta’ hames liri lkoll bin-numru ta’ serje B29 698261; (ii) dik maghrufa bhala ‘Mike Service Station’ li pprezentat zewg karti ta’ zewg liri u karta ta’ hames liri Maltin bl-istess numru ta’ serje gia’ imsemmija; (iii) dik maghrufa ‘JAV Service Station’ li pprezentat karta wahda tal-hames liri Maltin tal-istess numru ta’ serje imsemmija; (iv) dik maghrufa ta’ ‘Carlo Cini Service Station’ li ipprezentat zewg karti ta’ zewg liri Maltin dejjem bl-istess numru ta’ serje bhal dawk ta’ qabilhom; (v) dik maghrufa ‘Abela Petrol Station’ li pprezentat hames karti tal-hames liri Maltin u karta taz-zewg liri Maltin wkoll bl-istess numru ta’ serje imsemmija; (vi) dik ta’ ‘TC Service Station’ li pprezentat karta tal-hames liri Maltin u ohra taz-zewg liri Maltin b’numru ta’ serje bhal dawk precedenti. Issa, l-falz tal-karti ta’ flus hu palesi u ‘icto occuli’ kif ukoll huwa bil-wisq car il-konnessjoni tal-akkuzati fis-serq tal-petrol permezz ta’ l-istess valuta falza rizultanti kemm mill-istqarrija rispettiva taghhom abbinata ma’ xhieda u filmati minn CCTVs installati f’xi whud mill-istazzjonijiet tal-petrol. Jinghad hawnhekk li dan kif ghadu li ntqal mhux qieghed, f’dan l-istadju, jirreferi ghall-imputata Mary Vella li fil-konfront taghha l-Qorti ser tamplifika aktar ‘il quddiem f’dan il-gudikat. Intant, mill-provi jirrizulta wkoll li fit-twettiq tas-serq tal-petrol, li kif inghad kien qieghed jigi attwat permezz ta’ noti ta’ flus foloz li kienu jintefghu fil-pompi awtomatici relattivi, kien hemm koinvolti s-segwenti vetturi: dik tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni FMV 001 registrata f’isem l-imputata Mary Vella; dik tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta’ registrazzjoni LAB 187 registrata f’isem l-imputat John Vella; dik tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru ta’ registrazzjoni DGB 151 registrata fuq l-imputata Jennifer Vella.

Trattati l-imputazzjonijiet:

(1) dwar l-ewwel zewg akkuzi tan-nota ta’ rinviju tal-Avukat Generali li jirreferu ghall-Kap 204 senjatament l-Artikoli 45(1) u 46: li l-ewwel citat artikolu jipprovdi li: “ kull min jiffalsifika xi biljett tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat jista’ jehel, meta jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sentejn u mhux izjed minn disa’ snin. Izda meta biljett tal-flus falsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fi zmien li fih gie f’idejha jew fil-pussess taghha ma kienitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta ghal zmien ta’ prigunerija ghal mhux anqas minn xahrejn u mhux izjed minn disa snin”; it-tieni artikolu citat jghid li “ kull min minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircievi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jehel, meta jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn tlettax il-xahar u mhux izjed minn hames snin”.

Huma bil-wisq car hatja taht l-artikolu 45(1) tac-citat Kap 204 l-imputati John u George ahwa Vella liema htija tohrog esawrientement cara mill-istqarrijiet rispettivament rilaxxati minnhom li ma jinstabux kontradetti anka ghaliex huma ghazlu li ma jixhdux. Hija hatja taht l-artikolu 46 tac-ciatat Kap 204 l-imputata Jennifer Vella mhux biss mill-istqarrija rilaxxjata minnha izda anka mill-fatt pruvat li giet intercettata fil-pussess ta’ flus foloz, li kienet taf li huma foloz.

(2) dwar it-tielet u r-raba imputazzjoni, bazata fuq l-Artikolu 183 u l-Artikolu 184 tal-Kap 9, li jittratta l-falsifikazzjoni minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku, iqum l-kwesit jekk nota ta’ flus hiex kompriza f’ ‘att awtentiku u pubbliku’ li ghalih jirreferi l-artikolu in disamina. Il-Qorti hi propensa li tirretjieni fl-affermattiv. Dana billi tghid li kull nota ta’ flus, certament qabel ma gie adottat l-Ewro bhala l-munita ufficjali tal-pajjiz, kienet tinhareg taht il-firma tal-Gvernatur tal-Bank Centrali li kien jaghti, flimkien ma fatturi ohrajn intrinsici fil-valuta, fidi pubblika tal-kontenut u l-genwinita’ taghha. Fil-kawza

Appell Kriminali Rex v Giuseppe Zahra riportata fil-Vol.xxxvii.iv. 986 dik il-Qorti irriteniet fir-rigward falsifikazzjoni ta' licenzja tas-sewqan li kien hemm falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku ghaliex kien att destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut tieghu, maghmul bil-formalitajiet mehtiega, u rilaxxat minn ufficjal pubbliku li ghandu skond il-ligi s-setgha li jaghti fidi pubblika lill-att.

F'dan il-kuntest il-Qorti ser ukoll tiddisponi minn dak li sottomettiet id-difiza dwar li l-falz kien grossolan u ghaldaqstant inidonju biex iqarraq. Fuq daqshekk l-Qorti tirritjeni li: fl-ewwel lok l-valuta kienet destinata biex tigi inserita f'magna li mhux necessarjament kienet, almenu dak iz-zmien, kapaci li tiddistingwi l-falz mill-veru; fit-tieni lok l-grosslanita' tal-falz hi irrilevanti fl-ambitu ta' dokument pubbliku.

Minn dan isegwi illi kemm l-imputat John u George ahwa Vella, ghandhom jinstabu

hatja taht dan l-artikolu kif ukoll taht l-artikolu li jsegwi, cioè l-Artikolu 184, li

jittratta l-uzu xjenti tad-dokument falz, wkoll dedott mill-Avukat Generali fir-raba

imputazzjoni. Taht din l-imputazzjoni ghandha tinstab ukoll hatja l-imputata Jennifer

Vella.

(3) dwar il-hames imputazzjoni li titratta l-frodi intiza bhala truffa u l-frodi hekk imsejha innominata hu essenzjali f'entrambi l-kazi li jkun gie ipperpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq li jkun wassal lill-vittma li taghmel jew tonqos li taghmel xi haga b'telf patrimonjali ghaliha. Jekk l-ingann jiehu l-forma ta' raggieri jew artifizzji, fid-diversi forom indikati fl-imsemmi Artikolu 308 tal-Kap 9, allura jkun hemm it-truffa altrimenti jkun hemm r-reat minuri ta' frodi innominat. Dejjem pero' hu rikjest l-ingann li fil-fattispecje tal-kaz jista' jinkwadra ruhhu filli ntuzat valuta falza biex l-agent ha l-petrol bil-konsegwenti dannu patrimonjali tas-sid. Ghalhekk r-reat jissussisti bhala frodi innominat taht l-Artikolu 309 (Kap 9) fil-parametri tal-Artikolu 310(c) tac-citat Kap u ghandhom jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni l-imputati John, George u Jennifer ahwa Vella.

(4) dwar is-sitt imputazzjoni tar-rinviju tal-Avukat Generali li titratta s-serq il-provi ittendu biex jimpikaw lill-imputati George, John u Jennifer ahwa Vella li fizikament xtraw il-petrol b’noti ta’ flus foloz. Intant, is-serq huwa ikkwalifikat bl-aggravju tal-hin izda mhux b’dak tal-mezz jew tal-lok. Ta’ din l-imputazzjoni ghandhom jinstabu hatjin l-imputati John u Jennifer ahwa Vella.

(5) dwar is-seba u l-ahhar imputazzjoni, ossija r-ricettazzjoni, billi mill-provi din tirrisulta biss fil-konfront tal-imputati John u Jennifer ahwa Vella li kontra taghhom jinsab dedott mill-Avukat Generali r-reat ta’ serq, jigi li l-akkuza hi in alternattiva ghal dik tas-serq u jew treggi l-wahda jew l-ohra. Fic-cirkostanzi l-Qorti qeghdha ssib liz-zewg imputati imsemmija hatja ta’ serq u kwindi tilliberahom minn din l-imputazzjoni.

Jonqos li l-Qorti tindirizza s-sehem ta’ Mary Vella fir-reati hawn fuq imsemmija. Jibda’ biex jinghad hawnhekk li din l-imputata, anzi ko-imputata, hi omm l-ko-imputati l-ohra. Hija ligi li stqarrijiet ma jaghmlux prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Fil-kaz ta’ din il-ko-imputata, fil-fehma tal-Qorti, l-provi huma tenwi wisq biex tinstab reita’ f’xi reat dedott kontra taghha. Hemm ic-cahda taghha kemm fl-istqarrija u kemm meta ghazlet li tixhed ‘viva voce’ quddiem il-Qorti u l-episodju wahdani fejn tidher il-vettura misjuqa minnha f’wahda mill-istazzjonijiet tal-petrol in meritu l-anqas ma tnissel f’din il-Qorti c-certezza, bla dubbju dettat mir-raguni, li tistabilixxi r-reita’ taghha. Ta’ bil-fors ghalhekk fuq il-massima ‘in dubbio pro reo’ ghandha tigi liberata.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddecidi li:

- li tillibera lill-imsemmija Mary Vella;
- wara li rat l-Artikolu 45(1) u 46 tal-Kap 204, l-Artikolu 18, 183, 184, 309, 310, 261(f), 270, 281(a), u 17 tal-Kap 9;
- ssib l-imputat George Vella hati tar-reat kontinwat li: iffalsifika biljetti ta’ flus Maltin kif wkoll li mexxa biljetti ta’

flus Maltin falsifikati; li ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku u li xjentement ghamel uzu mill-istess; li ghamel qligh b'qerq; u li kkommetta serq aggravat bil-hin. Tilliberah mill-bqija. Rat fil-konfront tieghu l-Artikolu 45(1) tal-Kap 204 u l-Artikolu 18, 183, 184, 309, 310(c), 261(f), 270, 281(a), 17(h), 31 u 37 tal-Kap 9 u tikkundannah tmintax- il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghall-tlett snin mill-lum sakemm huwa ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza;

- ssib l-imputat John Vella hati li: iffalsifika biljetti ta' flus Maltin; li ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku u li xjentement ghamel uzu mill-istess; li ghamel qligh b'qerq; u li kkommetta serq aggravat bil-hin. Tilliberah mill-bqija. Rat fil-konfront tieghu l-Artikolu 45(1) tal-Kap 204 u l-Artikolu 183, 184, 309, 310(c), 261(f), 270, 281(a), u 17(h) tal-Kap 9 u tikkundannah ghoxrin xahar prigunerija sospizi ghall-erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. sakemm huwa ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza;
- ssib l-imputata Jennifer Vella hatja li: irceviet flus iffalsifikati meta kienet taf li huma falsifikati; li xjentement ghamlet uzu mill-istess; li ghamlet qligh b'qerq; u li kkommettiet serq aggravat bil-hin. Tilliberaha mill-bqija. Rat fil-konfront taghha l-Artikolu 46 tal-Kap 204, l-Artikolu 184, 309, 310(c), 261(f), 270 u 17(h) tal-Kap 9 u tikkundannaha sena prigunerija sospizi ghall-sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Mill-bqija: fuq l-iskorta tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputati George, John u Jennifer ahwa Vella jhallsu in solidum bejniethom lir-Registratur Tal-Qorti l-ammont ta' 489 Ewro l-import ta' spejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti f'dawn il-proceduri zmien xahar mill-lum; ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tordna l-konfiska taz-zewg vetturi wahda tal-marka Seat Ibiza numru ta' registrazzjoni LAB 187 u l-ohra tal-marka Citroen Saxo numru ta' registrazzjoni DGB 151. Tordna wkoll il-konfiska tal-flus foloz li jinsabu esebiti u tordna li jigu rimessi lill-Bank Centrali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------